



Stqarrija għall-Istampa
Il-Lussemburgu, id-29 ta' Settembru 2020

L-azzjoni tal-UE rigward il-faqar fost it-tfal teħtieġ fokus akbar, jgħidu l-awdituri

Skont rapport ġdid mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), huwa kważi impossibbli li jiġi vvalutat il-mod kif l-UE tikkontribwixxi għall-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu l-faqar fost it-tfal. Ir-rilevanza u s-saħħa tal-istrumenti tal-UE eżaminati huma limitati minħabba li dawn mhumiex legalment vinkolanti – u għodod aktar b'saħħithom, b'hal pereżempju s-Semestru Ewropew jew l-appoġġ mill-fondi tal-UE, rari jindirizzaw b'mod speċifiku l-faqar fost it-tfal. Għalhekk, huwa diffiċli li jiġi ddeterminat jekk l-azzjoni tal-UE tikkontribwix b'mod effettiv għall-isforzi biex jiġi indirizzat dan it-tħassib importanti, jgħidu l-awdituri.

Kważi wieħed minn kull erba' tifel u tifla fl-UE huma fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali. Iżda l-istudji wrew li l-benefiċċji ekonomiċi tal-investiment fit-tfal huma sinifikattivament akbar mill-ispejjeż finanzjarji inizjali. Fl-UE, il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal tinsab f'idejn kull Stat Membru. Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea huwa li tikkomplimenta u tappoġġa l-azzjonijiet nazzjonali rigward il-faqar fost it-tfal permezz ta' strumenti kemm legali kif ukoll finanzjarji. L-awdituri fittxew li jivvalutaw kemm l-azzjoni tal-UE ikkontribwiet b'mod effettiv bl-użu ta' dawn l-għodod għall-isforzi tal-Istati Membri.

"Il-faqar fost it-tfal jibqa' kwistjoni serja fl-UE, li ma jwassalx għal soċjetà sostenibbli, inklużiva u ġusta. Sfortunatament, il-faqar fost it-tfal x'aktarx se jsir ħafna aktar prevalenti b'konsegwenza tal-kriżi tal-COVID-19 li għadha għaddejjja", qal Tony Murphy, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Għalhekk huwa imperattiv li l-finanzjament u l-inizjattivi ta' politika tal-UE biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal ikunu bbażati fuq informazzjoni affidabbli biex jiġi żgurat impatt pożittiv fuq il-livell tal-faqar fost it-tfal fl-UE."

L-awdituri jqisu li r-Rakkomandazzjoni 2013 tal-Kummissjoni "L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ" kienet inizjattiva pożittiva tal-UE biex jiġi miġġieled il-faqar fost it-tfal b'mod integrat. Minkejja dan, minħabba n-nuqqas ta' miri li jistgħu jitkejlu u ta' stadji importanti huwa impossibbli li jiġi vvalutat kemm ġiet implimentata tajjeb. L-awdituri jikkonkludu li r-Rakkomandazzjoni kellha biss impatt minimu fuq il-politiki nazzjonali tal-Istati Membri.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg
E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali 2017 (EPSR) huwa strument ieħor mhux vinkolanti li huwa disponibbli għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal. L-awdituri jirrikonoxxu li l-EPSR żied l-għarfien tal-politiki soċjali fl-EU. Huma laqgħu l-pjan ta' azzjoni (2021) propost għall-EPSR, u osservaw li l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni se tkun kritika biex tiġi pprovduta farsa ġenerali tal-progress tal-prinċipji tal-EPSR.

Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hija parti integrali tal-Istrateġija Ewropa 2020, li stabbiliet mira li sal-2020 jinħarġu mill-inqas 20 miljun persuna mill-faqar. L-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-progress lejn il-mira kien limitat, u li x'aktarx mhux se tintlaħaq. Is-Semestru Ewropew jikkoordina l-isforzi nazzjonali biex jintlaħqu l-miri strateġiċi, prinċipalment bil-ħruġ tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali ewlenin. Madankollu, l-awdituri sabu li s-CSRs rari jindirizzaw il-faqar fost it-tfal b'mod espliċitu.

Fl-aħħar nett, l-awdituri jenfasizzaw il-fatt li t-tfal li jgħixu fil-faqar mhumiex grupp fil-mira espliċitu għall-appoġġ mill-UE. Mhuwiex magħruf kemm ġie allokat finanzjament direttament għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal jew x'inkiseb f'dan il-qasam. B'farsa 'l quddiem, l-awdituri jwissu li, minħabba dan in-nuqqas ta' informazzjoni, hemm riskju li ma titteħidx azzjoni xierqa u ma jkunux disponibbli fondi adegwati meta jitwettaq it-tfassil tal-Garanzija għat-Tfal futura jew ta' inizjattivi ta' politika oħra.

Bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-inizjattivi futuri tal-UE għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid, l-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea:

- tinkludi azzjonijiet u objettivi biex tindirizza l-faqar fost it-tfal fil-pjan ta' azzjoni għall-EPSR tagħha;
- tiżgura gwida interna ċara għal sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal CSR potenzjali li tindirizza direttament il-faqar fost it-tfal;
- timmira u timmonitorja l-investimenti biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal fil-perjodu 2021-2027; u
- tiżgura li jkun hemm evidenza affidabbli suffiċjenti li tappoġġa l-Garanzija għat-Tfal, li ġejja.

Noti lill-edituri

Skont id-*data* l-aktar reċenti tal-Eurostat, kważi 23 miljun tifel u tifla (dawk ta' taħt it-18-il sena) fl-UE jinsabu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali. Dan ifisser li dawn it-tfal qed jgħixu f'unitajiet domestiċi li jbatu minn mill-inqas waħda minn dawn it-tliet kundizzjonijiet li ġejjin: riskju ta' faqar ta' introjtu, privazzjoni materjali estrema u intensità baxxa ħafna ta' xogħol.

Ir-Rapport Speċjali Nru 20/2020: "Il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal - Jinħtieġ immirar aħjar tal-appoġġ tal-Kummissjoni" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Reċentement il-QEA ppubblikat [rapport dwar is-Semestru Ewropew](#), li fih eżaminajna l-istrateġija Ewropa 2020, inkluż il-mira tagħha għat-tnaqqis tal-faqar.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika.

Informazzjoni dwar il-miżuri li l-QEA ħadet b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 tista' tinstab [hawnhekk](#).

Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502